Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 231/2012**

tad-9 ta' Marzu 2012

li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1050/2012 tat-8 ta' Novembru 2012	L 310	45	9.11.2012
►**M2**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 25/2013 tas-16 ta' Jannar 2013	L 13	1	17.1.2013
►**M3**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 497/2013 tad-29 ta' Mejju 2013	L 143	20	30.5.2013
►**M4**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 724/2013 tas-26 ta' Lulju 2013	L 202	11	27.7.2013
►**M5**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 739/2013 tat-30 ta' Lulju 2013	L 204	35	31.7.2013
►**M6**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 816/2013 tat-28 ta' Awwissu 2013	L 230	1	29.8.2013
►**M7**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 817/2013 tat-28 ta' Awwissu 2013	L 230	7	29.8.2013
►**M8**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1274/2013 tas-6 ta' Diċembru 2013	L 328	79	7.12.2013
►**M9**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 264/2014 tal-14 ta' Marzu 2014	L 76	22	15.3.2014
►**M10**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 298/2014 tal-21 ta' Marzu 2014	L 89	36	25.3.2014
►**M11**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 497/2014 tal-14 ta' Mejju 2014	L 143	6	15.5.2014
►**M12**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 506/2014 tal-15 ta' Mejju 2014	L 145	35	16.5.2014
►**M13**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 685/2014 tal-20 ta' Ġunju 2014	L 182	23	21.6.2014
►**M14**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2014 tal-25 ta' Awwissu 2014	L 252	11	26.8.2014
►**M15**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 957/2014 tal-10 ta' Settembru 2014	L 270	1	11.9.2014

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 231/2012

tad-9 ta' Marzu 2012

li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]) u partikolarment l-Artikoli 14 u 30(4) tiegħu, u r-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ([2]), u partikolarment l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

(1) Għandhom jiġu adottati speċifikazzjonijiet marbuta mal-oriġini, il-kriterji tal-purità u kwalunkwe informazzjoni oħra neċessarja għall-addittivi tal-ikel elenkati fil-listi tal-Unjoni fl-Anness II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

(2) Għal dak il-għan, l-ispeċifikazzjonijiet li kienu żviluppati qabel għall-addittivi tal-ikel fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/128/KE tat-22 ta' Diċembru 2008 li tippreskrivi l-kriterji speċifiċi tal-purità ta' sustanzi ta' taħlil għall-użu fl-ikel ([3]), id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/84/KE tas-27 ta' Awwissu 2008 li tispeċifika l-kriterji tal-purità rigward l-addittivi tal-ikel apparti mill-kuluri u s-sustanzi li jagħtu l-ħlewwa ([4]) u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/60/KE tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi l-kriterji speċifiċi tal-purità ta' sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu f'oġġetti tal-ikel ([5]), għandhom jiġu aġġornati u integrati f'dan ir-Regolament. B'konswegwenza ta' dan, dawk id-Direttivi għandhom jiġu revokati.

(3) Jinħtieġ li jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet u t-tekniki analitiċi kif stabbiliti fil-Codex Alimentarius abbozzat mill-Kumitat Konġunt tal-Esperti tal-FAO/WHO dwar l-Additivi tal-Ikel (minn hawn 'il quddiem, JECFA).

(4) L-Awtorità Ewropea tas-Sikurezza tal-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") espremiet l-opinjoni tagħha dwar is-sikurezza tal-kopolimeru metakrilat bażiku ([6]) bħala aġent tal-glazing. Dak l-addittiv tal-ikel ġie sussegwentement awtorizzat fuq il-bażi ta' użi speċifiċi u ġie allokat in-numru E 1205. Għalhekk, għandhom jiġu adottati speċifikazzjonijiet għal dak l-addittiv tal-ikel.

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.
([2]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 6, 10.1.2009, p. 20.
([4]) ĠU L 253, 20.9.2008, p. 1.
([5]) ĠU L 158, 18.6.2008, p. 17.
([6]) Bord tal-EFSA dwar l-Addittivi tal-Ikel u s-Sorsi tan-Nutrijenti miżjuda mal-Ikel (ANS); Opinjoni Xjentifika dwar l-użu tal-Kopolimeru Metakrilat Bażiku bħala addittiv tal-ikel fuq talba mill-Kummissjoni Ewropea. *EFSA Journal* 2010; 8(2):1513.

▼B

(5) Il-kuluri tal-ikel ester etiliku tal-aċidu beta-apo-8'-karoteniku (E 160 f), u kannella FK (E 154), kif ukoll il-carrier bentonit li fih l-aluminju (E 558), ma jintużawx iktar skont l-informazzjoni li bagħtu l-manifatturi tal-ikel. Għalhekk, l-ispeċifikazzjonijiet kurrenti għal dawk l-addittivi tal-ikel ma għandhomx jiġu integrati f'dan ir-Regolament.

(6) Fl-10 ta' Frar 2010, l-Awtorità espremiet opinjoni dwar is-sikurezza tal-esteri tas-sukrożju tal-aċidi grassi (E 473) imħejjija mill-esteri viniliċi tal-aċidi grassi ([1]). L-ispeċifikazzjonijiet kurrenti għandhom jiġu adottati skont dan partikolarment bit-tnaqqis tal-limiti massimi għall-impuritajiet li huma ta' ħassib għas-sikurezza.

(7) Il-kriterji speċifiċi tal-purità li huma applikabbli bħalissa għandhom jiġu adattati biex jitnaqqsu l-limiti massimi għall-metalli tqal individwali ta' interess meta dan ikun fattibbli u fejn il-limiti tal-JECFA jkunu inqas minn dawk li qegħdin fis-seħħ bħalissa. Skont dak l-approċċ, il-limiti massimi għall-kontaminant 4-metilimidażol fil-kulur karamella tal-ammonja (E 150 c), għall-irmied sulfatat fil-beta-karoten (E 160 a (i)), u għall-imlieħ tal-manjeżju u tal-alkali fil-karbonat tal-kalċju (E 170), għandhom jitnaqqsu. Dan l-approċċ ma għandux jintuża għall-addittivi ċitrat trikalċiku (E 331 (iii)) (il-kontenut taċ-ċomb), carrageenan (E 407) and alka euchema pproċessata (E407a) (il-kontenut tal-kadmju) biss, billi l-manifatturi ddikjaraw li l-konformità mad-dispożizzjonijiet iktar stretti tal-Unjoni, ma tkunx fattibbli teknikament. Il-kontribut lill-konsum totali ta' dawk iż-żewġ kontaminanti (iċ-ċomb u l-kadmju) f'dawk it-tliet addittivi tal-ikel individwali mhuwiex meqjus bħala sinifikanti. Bil-maqblub ta' dan, għall-fosfati (E 338 – E 341 u E 450- E 452) għandhom jiġu stabbiliti valuri ferm iktar baxxi, meta mqabbla ma' dawk indikati mill-JECFA, minħabba l-iżviluppi l-ġodda fil-proċessi tal-manifattura, billi jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet riċenti tal-Awtorità dwar it-tnaqqis fil-konsum tal-arseniku, speċjalment fil-forma inorganika ([2]). Barra minn hekk, għandha tiġi introdotta dispożizzjoni ġdida għall-aċidu glutamiku (E 620) għal raġunijiet ta' sikurezza. Il-bilanċ totali ta' dawk l-adattazzjonijiet jibbenefika l-konsumaturi billi l-limiti massimi għall-metali tqal qed isiru iktar stretti b'mod ġenerali u għall-biċċa l-kbira tal-addittivi tal-ikel. L-informazzjoni dettaljata dwar il-proċess tal-produzzjoni u l-materjali tal-bidu ta' addittiv tal-ikel għandha tiġi inkluża fl-ispeċifikazzjonijiet biex jiffaċilitaw kull deċiżjoni futura skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

(8) L-ispeċifikazzjonijiet ma għandhomx jagħmlu referenza għat-testijiet organoletiċi marbuta mat-togħma billi ma jistax ikun mistenni mill-awtoritajiet tal-kontroll li jieħdu r-riskju li jtiegħmu sustanza kimika.

([1]) Il-Bord tal-EFSA dwar l-Addittivi tal-Ikel u s-Sorsi tan-Nutrijenti miżjuda mal-Ikel (ANS); Opinjoni xjentifika dwar is-sikurezza tal-esteri tas-sukrożju tal-aċidi grassi mħejjija mill-esteri viniliċi tal-aċidi grassi u dwar l-estensjoni tal-użu tal-esteri tas-sukrożju tal-aċidi grassi fit-taħwir tal-ikel mill-Kummissjoni Ewropea. *EFSA Journal* 2010; 8(3):1512.

([2]) Bord tal-EFSA dwar il-Kontaminanti fil-Katina Alimentari (CONTAM); Opinjoni Xjentifika dwar l-Arseniku fl-Ikel. *EFSA Journal* 2009; 7(10):1351.

▼B

(9) L-ispeċifikazzjonijiet ma għandhomx jagħmlu referenza għall-klassijiet billi ma hemmx valur miżjud f'din ir-referenza.

(10) L-ispeċifikazzjonijiet ma għandhomx jagħmlu referenza għall-parametru ġenerali "Metalli tqal" billi dan il-parametru mhux marbut mat-tossiċità, iżda mal-metodu analitiku ġeneriku. Il-parametri marbuta mal-metalli tqal individwali huma marbuta mat-tossiċità u huma inklużi fl-ispeċifikazzjonijiet.

(11) Xi addittivi tal-ikel bħalissa huma elenkati taħt ismijiet varji (ċelluloża karbossimetilika (E 466) ċelluloża karbossimetilika tas-sodju inkroċjata (E 468), ċelluloża karbossimetilika idrolizzata bl-enżimi (E 469) u xama' tan-naħal, bajda u safra (E 901)) f'dispożizzjonijiet varji tad-Direttiva 95/2/KE ([1]). Għalhekk, l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament għandhom jirreferu għal dawk l-ismijiet varji.

(12) Id-dispożizzjonijiet attwali dwar l-Idrokarburi Aromatiċi Poliċikliċi (PAHs) huma ġeneriċi wisq u mhux rilevanti għas-sikurezza u għandhom jiġu mibdula b'limiti massimi għall-PAHs individwali ta' tħassib għall-addittivi tal-ikel karbonju mill-ħxejjex (E 153) u xama' mikrokristallina (E 905). Għandhom jiġu stabbiliti limiti massimi simili għall-formaldeide fil-carageenan (E 407) u l-alka euchema pproċessata (E 407a), għal kriterji mikrobijoloġiċi partikolari fl-agar (E 406) u għall-kontenut tas-*Salmonella* spp. fil-mannitol (E 421 (ii)) magħmul permezz tal-fermentazzjoni.

(13) L-użu tal-propan-2-ol (isopropanol, alkoħol isopropiliku) għandu jitħalla għall-manifattura tal-addittivi kurkumina (E 100) u estratt tal-paprika (E 160 c), skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-JEFCA, billi dan l-użu partikolari tqies li huwa bla periklu mill-Awtorità ([2]). L-użu tal-etanol flok l-propan-2-ol fil-manifattura tal-gomma ġellan (E 418) għandu jkun permess fejn il-prodott finali xorta waħda jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet l-oħra kollha u l-etanol jitqies ta' anqas tħassib għas-sikurezza.

(14) Il-persentaġġ ta' kolorant fil-kuċċinilja, l-aċidu karminiku, il-karminji (E 120) għandu jiġi speċifikat, billi għandhom japplikaw limiti massimi għall-kwantitajiet dak il-kolorant.

(15) Is-sistema ta' numerazzjoni għas-subkategoriji tal-karoteni (E 160 a) għandha tiġi aġġornata sabiex tinġieb konformi mas-sistema ta' numerazzjoni Codex Alimentarius.

(16) Il-forma solida tal-aċidu lattiku (E 270) għandha tiġi inkluża wkoll fl-ispeċifikazzjonijiet, għaliex issa tista' tiġi manifatturata fil-forma solida u ma hemm l-ebda tħassib għas-sikurezza.

([1]) ĠU L 61, 18.3.1995, p. 1.

([2]) Il-Bord tal-EFSA dwar l-Addittivi tal-Ikel u s-Sorsi tan-Nutrijenti miżjuda mal-Ikel (ANS); Opinjoni xjentifika dwar ir-rivalutazzjoni (E 100 Kurkumina) bħala addittiv tal-ikel. *EFSA Journal* 2010; 8(9):1679.

▼B

(17) Il-valur attwali tat-temperatura għat-telf mat-tnixxif għaċ-ċitrat monosodiku (E 331 (i)), il-forma anidruża, għandu jiġi aġġustat billi fil-kundizzjonijiet attwalment elenkati s-sustanza tiddikomponi. Il-kundizzjonijiet tat-tnixxif għaċ-ċitrat trisodiku (E 331 (iii)) għandhom jiġu aġġustati wkoll biex tittejjeb ir-riproduċibilità tal-metodu

(18) Il-valur attwali tal-assorbiment speċifiku għall-alfa-tokoferol (E 307) għandu jiġi kkoreġut u l-punt tas-sublimazzjoni għall-aċidu sorbiku (E 200) għandu jiġi sostitwit b' "test tas-solubbilità" billi l-ewwel wieħed mhux rilevanti. L-ispeċifikazzjoni ta' sorsi ta' batterja għall-manifattura tan-nisina (E 234) u n-natamiċina (E 235) għandhom jiġu aġġornati skont in-nomenklatura tassonomika attwali.

(19) Billi issa hemm disponibbli tekniki innovattivi ġodda tal-manifattura li jirriżultaw f'ikel anqas ikkontaminat, il-preżenza tal-aluminju fl-addittivi tal-ikel għandha tiġi ristretta. Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni, jixraq li l-manifatturi tal-addittivi tal-ikel jingħatalhom perjodu tranżizzjonali biex jadattaw irwieħhom gradwalment għal dawk ir-restrizzjonijiet.

(20) Għandhom jiġu stabbiliti limiti massimi għall-aluminju għall-addittivi tal-ikel fejn rilevanti, u partikolarment għall-fosfati tal-kalċju (E 341 (i)-(iii)) maħsuba biex jintużaw f'ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar [1], skont l-opinjoni rilevanti tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel espressa fis-7 ta' Ġunju 1996 [2]. F'dan il-qafas għandu jiġi stabbilit ukoll limitu massimu għall-aluminju fiċ-ċitrat tal-kalċju (E 333).

(21) Il-limiti massimi għall-aluminju fil-fosfati tal-kalċju (E 341 (i)-(iii)), id-difosfat disodiku (E 450 (i)) u d-difosfat diidroġenat tal-kalċju (E 450 (vii)) għandhom ikunu skont l-opinjoni tal-Awtorità tat-22 ta' Mejju 2008 [3]. Għandhom jitnaqqsu l-limiti attwali, fejn dan ikun teknikament fattibbli, u fejn il-kontribut għall-konsum totali tal-aluminju jkun sinifikanti. F'dan il-qafas, il-koloranti tal-aluminju tal-kuluri tal-ikel individwali għandhom jiġu awtorizzati biss jekk teknikament meħtieġa.

(22) Id-dispożizzjonijiet dwar il-limiti massimi għall-aluminju fil-fosfat dikalċiku (E 341 (ii)), il-fosfat trikalċiku (E 341 (iii)) u l-fosfat diidroġenat tal-kalċju (E 450 (vii)) ma għandhomx jikkawżaw tfixkil fis-suq minħabba nuqqas possibli tal-provvisti.

[1] Kif definit fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar (verżjoni kodifikata), ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16.

[2] Opinjoni dwar Addittivi fi preparazzjonijiet tan-nutrijenti għall-użu fit-trab tal-ħalib għat-trabi, trab follow-on u ikel tal-ftim. Rapporti tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel (l-Erbgħin Serje), p. 13-30, (1997).

[3] L-Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar l-Addittivi fl-Ikel, is-Sustanzi tat-Taħwir, l-Għajnuniet tal-Ipproċessar u l-Materjali f'Kuntatt mal-Ikel fuq talba mill-Kummissjoni Ewropea dwar is-Sikurezza tal-aluminju mid-dieta. *EFSA Journal* (2008) 754, 1-34.

▼B

(23) Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 258/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li timponi kundizzjonijiet speċjali fuq l-importazzjonijiet tal-guar gum li joriġina jew li jasal mill-Indja minħabba r-riskji ta' kontaminazzjoni mill-pentaklorofenol u mid-dijossini ([1]), għandhom jiġu stabbiliti limiti massimi għall-kontaminant pentaklorofenol fil-gomma tal-guar (E 412).

(24) Skont il-premessa 48 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel ([2]), l-Istati Membri huma mitluba biex jeżaminaw oġġetti oħra tal-ikel minbarra dawk inklużi f'dak ir-Regolament għall-okkorrenza tal-kontaminant 3-MCPD sabiex iqisu l-ħtieġa li jiġu ffissati livelli massimi għal dik is-sustanza. L-awtoritajiet Franċiżi bagħtu dejta dwar il-konċentrazzjonijiet għoljin tat-3-MCPD fl-addittiv tal-ikel gliċerol (E 422) u l-livell medju tal-użu ta' dan l-addittiv tal-ikel f'kategoriji varji tal-ikel. Għandhom jiġu stabbiliti limiti massimi għat-3-MCPD f'dan l-addittiv tal-ikel partikolari sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-ikel finali f'livell ogħla minn dak permissibbli, filwaqt li jitqies il-fattur tad-dilwizzjoni.

(25) Minħabba l-iżvilupp tal-metodi analitiċi, ċerti speċifikazzjonijiet kurrenti għandhom jiġu aġġornati. Il-valur limitu attwali "mhux identifikabbli" huwa marbut mal-evoluzzjoni ta' metodoloġiji analitiċi u għandu jinbidel minn numru speċifiku għall-addittivi esteri tal-aċidu tal-mono- u d-digliċeridi (E 472 a-f), esteri tal-poligliċerol tal-aċidi grassi (E 475) u esteri tal-propan-1,2-diol tal-aċidi grassi (E 477).

(26) L-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-proċedura tal-manifattura għandhom jiġu aġġornati għall-esteri tal-aċidu ċitriku tal-mono- u d-digliċeridi tal-aċidi grassi (E 472 c), billi l-użu ta' bażijiet alkalini llum huwa mibdul bl-użu tal-imlieħ tagħhom b'azzjoni inqas aggressiva.

(27) Il-kriterju kurrenti "aċidi grassi ħielsa" għall-addittivi esteri tal-aċidu ċitriku tal-mono- u d-digliċeridi tal-aċidi grassi (E 472 c) u l-esteri tal-aċidu mono- u dialċetiltartariku tal-mono- u d-digliċeridi tal-aċidi grassi (E 472 e) mhuwiex xieraq. Għandu jiġi mibdul bil-kriterju "valur aċidu" billi dan tal-aħħar jesprimi aħjar l-istima titrimetrika tal-gruppi aċiduż ħielsa. Dan huwa skont il-71 rapport dwar l-addittivi tal-ikel minn JECFA ([3]) fejn din il-bidla ġiet adottata għall-esteri tal-aċidu mono- u dialċetiltartariku tal-mono- u d-digliċeridi tal-aċidi grassi (E 472 e).

(28) Id-deskrizzjoni żbaljata attwali tal-addittiv ossidu tal-manjeżju (E 530) għandu jiġi kkoreġut skont it-tagħrif sottomess mill-fabbrikanti, sabiex tinġieb konformi mal-Pharmacopoeia Europea ([4]). Il-valur massimu attwali għall-materja li tirriduċi fl-addittiv aċidu glukoniku (E 574) għandu wkoll jiġi aġġornat billi dan il-limitu

([1]) ĠU L 80, 26.3.2010, p. 28.
([2]) ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5.
([3]) WHO Technical Report Series, Nru 956, 2010.
([4]) EP 7.0 volum 2, p. 2415- 2416.

▼B

mhuwiex teknikament fattibbli. Għall-stima tal-kontenut tal-ilma tal-ksilitol (E 967), il-metodu attwali bbażat fuq "it-telf mat-tnixxif" għandu jiġi sostitwit minn metodu aktar xieraq.

(29) Xi speċifikazzjonijiet kurrenti għall-addittiv xama' tal-kandellilla (E 902) ma għandhomx jiġu integrati f'dan ir-Regolament billi huma erratiċi. Għad-difosfat diidroġenat tal-kalċju (E 450 vii), l-entrata attwali dwar il-kontenut ta' P_2O_5 għandha tiġi kkoreġuta.

(30) Fl-entrata attwali "test" għat-tawmatina (E 957), għandu jiġi kkoreġut fattur tal-kalkolu. Dak il-fattur għandu jintuża fil-metodu Kjeldahl għall-stima tal-kontenut totali tas-sustanza abbażi tal-kejl tan-nitroġenu. Il-fattur tal-kalkolu għandu jiġi aġġornat skont il-letteratura ppubblikata rilevanti għat-tawmatina (E 957).

(31) L-Awtorità evalwat is-sikurezza tal-glikosidi tal-istevjol bħala sustanza għall-ħlewwa u esprimiet l-opinjoni tagħha tal-10 ta' Marzu 2010 ([1]). L-użu tal-glikosidi tal-istevjol, li ġew allokati n-numru E 960, ġie sussegwentement permess fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet ta' użu definiti tajjeb. Għalhekk, għandhom jiġu adottati speċifikazzjonijiet għal dak l-addittiv tal-ikel.

(32) Minħabba bidla tassonomika, l-ispeċifikazzjonijiet kurrenti għall-materjali tas-sors (ħmira) użata fil-manifattura tal-eritritol (E 968) għandhom jiġu aġġornati.

(33) Għall-estratt tal-kwillaja (E 999), l-ispeċifikazzjoni attwali marbuta mal-firxa tal-pH, għandha tiġi aġġustata sabiex tinġieb f'konformità mal-JECFA.

(34) It-taħlita ta' aċidu ċitriku u aċidu fosforiku (li attwalment it-tnejn qegħdin individwalment awtorizzati għall-użu fil-manifattura tal-addittiv polidestrożju (E 1200)), għandha tkun permessa, fejn il-prodott finali xorta waħda jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tal-purità, billi din ittejjeb il-produzzjoni u twassal għal kinetika iktar kontrollabbli tar-reazzjoni. Ma hemm l-ebda ħassib għas-sikurezza involut f'din l-emenda.

(35) Kuntrarjament għall-molekoli ż-żgħar, il-massa molekulari ta' polimeru mhijiex valur wieħed uniku. Polimeru partikolari jista' jkollu distribuzzjoni ta' molekoli b'mases differenti. Id-distribuzzjoni tista' tiddependi fuq il-mod li jiġi prodott il-polimeru. Il-karatteristiċi fiżiċi u l-imġiba tal-polimeru huma marbuta mal-massa u d-distribuzzjoni tal-molekoli b'ċertu massa fit-taħlita. Grupp ta' mudelli matematiċi jiddeskrivu t-taħlita b'modi differenti sabiex tiġi ċċarata d-distribuzzjoni tal-molekuli fit-taħlita. Fost il-mudelli differenti disponibbli, fil-letteratura xjentifika huwa rakkomandat li jintuża l-piż molekulari medju (Mw) biex jiddeskrivi l-polimeri. L-ispeċifikazzjonijiet għall-polivinilpirrolidon (E 1201) għandhom jiġu aġġustati kif xieraq.

([1]) Bord tal-EFSA dwar l-Addittivi tal-Ikel u s-Sorsi tan-Nutrijenti (ANS); Opinjoni Xjentifika dwar is-sikurezza tal-glikosidi tal-istevjol għall-użi proposti bħala addittiv tal-ikel. *EFSA Journal* (2010); 8(4):1537.

▼B

(36) Il-kriterju "Firxa tad-distillazzjoni" msemmi fl-ispeċifikazzjonijiet kurrenti għall-propan-1,2 diol (E 1520) iwassal għal konklużjonijiet kuntradittorji meta mqabbel mar-riżultati mit-test. Dak il-kriterju għandu għalhekk jiġi kkoreġut u msemmi "Test tad-distillazzjoni".

(37) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponiehom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Speċifikazzjoni għall-addittivi tal-ikel

L-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel, inkluż il-kuluri u s-sustanzi li jagħtu l-ħlewwa, elenkati fl-Anness II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huma stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Tħassir

Id-Direttivi 2008/60/KE, 2008/84/KE u 2008/128/KE jitħassru b'effett mill-1 ta' Diċembru 2012.

Artikolu 3

Miżuri tranżizzjonali

L-ikel li jkun fih addittivi tal-ikel li tqiegħdu legalment fis-suq qabel l-1 ta' Diċembru 2012, iżda li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, jistgħu jibqgħu jiġu kkummerċjalizzati sakemm il-ħażniet jiġu eżawriti.

Artikolu 4

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2012.

Madankollu, l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fl-Anness għall-addittivi glikosidi tal-istevjol (E 960) u l-kopolimeru metakrilat bażiku (E 1205) għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

Nota: L-ossidu tal-etilena ma jistax jintuża għal għanijiet ta' sterilizzazzjoni fl-additivi tal-ikel

Il-koloranti tal-aluminju jintużaw fil-kuluri biss meta jissemmew espliċitament.

Definizzjoni:	Il-koloranti tal-aluminju jsiru bir-reazzjoni ta′ kuluri li jikkonformaw mal-kriterji tal-purità stipulati fil-monografu xieraq tal-ispeċifikazzjonijiet, mal-alumina fl-ilma. Normalment, l-alumina tkun materjal mhux imnixxef li jkun ġie preparat riċentement magħmul mir-reazzjoni tas-sulfat jew il-klorur tal-aluminju mal-karbonat jew il-bikarbonat tas-sodju jew tal-kalċju jew mal-ammonja. Wara l-formazzjoni tal-kolorant, il-prodott jiġi ffiltrat, maħsul bl-ilma u mnixxef. Fil-prodott finali jista' jkun hemm ukoll alumina li ma tkunx irreaġixxiet.
Materja li ma tinħallx fl-HCl	Mhux iktar minn 0,5 %
Materja li ma tinħallx fl-NaOH	Mhux iktar minn 0,5 %, għall-E 127 eritrosina biss
Sustanza li tista′ tiġi estratta bl-etere	Mhux aktar minn 0,2 % (f'kundizzjonijiet newtrali) Huma applikabbli kriterji speċifiċi ta′ purità għall-kuluri korrispondenti.

E 100 KURKUMINA

Sinonimi	CI Natural Yellow 3; Isfar Żagħfran; Diferojlmetan
Definizzjoni	Il-kurkumina tinkiseb b′estrazzjoni taż-żagħfran b'solvent, jiġifieri r-riżomi tal-art ta′ razez ta′ *Curcuma longa* L. Biex jinkiseb trab ikkonċentrat tal-kurkumina, l-estratt jiġi ppurifikat bil-kristallizzazzjoni. Il-prodott jikkonsisti essenzjalment f'kurkumini; jiġifieri l-prinċipju koloranti (1,7-bis (4-idrossi-3-metossifenil)epta-1,6-dien-3,5-dion) u ż-żewġ derivattivi desmetossi tiegħu, fi proporzjonijiet li jvarjaw. Jistgħu jkunu preżenti ammonti minuri ta′ żjut u ta′ reżina li jokkorru b′mod naturali fiż-żagħfran. Il-kurkumina tintuża wkoll bħala l-kolorant tal-aluminju; il-kontenut tal-aluminju huwa inqas minn 30 %. Dawn is-solventi biss jistgħu jintużaw fl-estrazzjoni: l-etilaċetat, l-aċeton, id-diossidu tal-karbonju, id-diklorometan, l-n-butanol, il-metanol, l-etanol, l-eżan, il-propan-2-ol.
Indiċi Kromatiku	75300
EINECS	207-280-5
Isem kimiku	I 1,7-Bis(4-idrossi-3-metossifenil)epta-1,6-dien-3,5-dion II 1-(4-Idrossifenil)-7-(4-idrossi-3-metossi-fenil-)epta-1,6-dien-3,5-dion III 1,7-Bis(4-idrossifenil)epta-1,6-dien-3,5-dion
Formola kimika	I $C_{21}H_{20}O_6$ II $C_{20}H_{18}O_5$ III $C_{19}H_{16}O_4$
Piż molekolari	I. 368,39 II. 338,39 III. 308,39
Test	Il-kontenut mhux anqas minn 90 % tal-materja koloranti totali $E^{1\%}_{1cm}$ 1 607 f'ca 426 nm fl-etanol

▼B

Deskrizzjoni	Trab kristallin isfar fl-oranġjo	
Identifikazzjoni		
Spettrometrija	Massimu fl-etanol f'ca 426 nm	
Firxa tat-tidwib	179 °C—182 °C	
Purità		
Residwi tas-solvent	Etilaċetat Aċeton n-butanol Metanol Etanol Eżan Propan-2-ol	Mhux aktar minn 50 mg/kg, waħdu jew f'taħlita
	Diklorometan: mhux iktar minn 10 mg/kg	
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg	
Ċomb	Mhux iktar minn 10 mg/kg	
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg	
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg	

Il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur jistgħu jintużaw.

E 101(i) RIBOFLAVINA

Sinonimi	Lattoflavina	
Definizzjoni		
Indiċi Kromatiku		
EINECS	201-507-1	
Isem kimiku	7,8-Dimetil-10-(D-ribo-2,3,4,5-tetraidrossipentil)benżo(g)pteridina-2,4(3H,10H)-dion; 7,8-dimetil-10-(1′-D-ribitil)isoallossażin	
Formola kimika	$C_{17}H_{20}N_4O_6$	
Piż molekolari	376,37	
Test	Kontenut mhux inqas minn 98 % tal-bażi anidruża $E^{1\%}_{1cm}$ 328 f'ca 444 nm f'soluzzjoni tal-ilma	
Deskrizzjoni	Trab kristallin isfar għal isfar fl-oranġjo, bi ftit riħa	
Identifikazzjoni		
Spettrometrija	Il-proporzjon A_{375}/A_{267} huwa bejn 0,31 u 0,33 Il-proporzjon A_{444}/A_{267} huwa bejn 0,36 u 0,39	f'soluzzjoni tal-ilma
	Massimu fl-ilma f'ca 375 nm	
Rotazzjoni speċifika	$[\alpha]_D^{20}$ bejn -115° u -140° ġo soluzzjoni ta′ 0,05 N ta′ idrossidu tas-sodju	
Purità		
Telf fit-tnixxif	Mhux aktar minn 1,5 % (105 °C, 4 sigħat)	

▼B

Irmied sulfatat	Mhux iktar minn 0,1 %
Ammini aromatiċi primarji	Mhux iktar minn 100 mg/kg (ikkalkulati bħala anilina)
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

▼M14

Jistgħu jintużaw il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur.

▼B

E 101(ii) RIBOFLAVINA-5'-FOSFAT

Sinonimi	Riboflavina-5'-fosfat tas-sodju
Definizzjoni	Dawn l-ispeċifikazzjonijiet japplikaw għar-riboflavina 5′-fosfat flimkien ma′ ammonti żgħar ta′ riboflavina ħielsa u difosfat tar-riboflavina.
Indiċi Kromatiku	
EINECS	204-988-6
Isem kimiku	Fosfat monosodiku ta' (2R,3R,4S)-5-(3′)10′-diidro-7′,8′-dimetil-2′,4′-diosso-10′-benżo[γ]pteridinil)-2,3,4-triidrossipentil; melħ monosodiku tal-ester 5′-monofosforiku tar-riboflavina
Formola kimika	Għall-forma diidratata: $C_{17}H_{20}N_4NaO_9P \cdot 2H_2O$ Għall-forma anidruża: $C_{17}H_{20}N_4NaO_9P$
Piż molekolari	514,36
Test	Kontenut mhux anqas minn 95 % tal-materja koloranti kollha kkalukulata bħala $C_{17}H_{20}N_4NaO_9P.2H_2O$ $E^{1\%}_{1cm}$ 250 f'ca 375 nm f'soluzzjoni tal-ilma
Deskrizzjoni	Trab igroskopiku kristallin isfar fl-oranġjo, bi ftit riħa
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Il-proporzjon A_{375}/A_{267} huwa bejn 0,30 u 0,34 Il-proporzjon A_{444}/A_{267} huwa bejn 0,35 u 0,40 } f'soluzzjoni tal-ilma Massimu fl-ilma f'ca 375 nm
Rotazzjoni speċifika	$[\alpha]_D^{20}$ bejn + 38° u + 42° f'soluzzjoni tal-HCl 5 molar
Purità	
Telf fit-tnixxif	Mhux aktar minn 8 % (100 °C, 5 sigħat ġo vakwu fuq P_2O_5) għall-forma diidratata
Irmied sulfatat	Mhux iktar minn 25 %
Fosfat inorganiku	Mhux aktar minn 1,0 % (ikkalkulat bħala PO_4 fuq il-bażi anidruża)
Sustanzi koloranti sussidjarji	Riboflavina (ħielsa): Mhux iktar minn 6 % Difosfat tar-riboflavina: Mhux iktar minn 6 %
Ammini aromatiċi primarji	Mhux iktar minn 70 mg/kg (ikkalkulati bħala anilina)

▼B

Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

▼M14

Jistgħu jintużaw il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur.

▼B

E 102 TARTRAŻINA

Sinonimi	CI Food Yellow 4
Definizzjoni	It-tartrażina tiħejja mill-aċidu 4-ammino-benżensulfoniku, li jiġi diażotizzat bl-aċidu idrokloriku u n-nitrit tas-sodju. Il-kompost diażo mbagħad jingħaqad mal-aċidu 4,5-diidro-5-osso-1-(4-sulfofenil)-1H-pirażol-3-karbossiliku jew mal-ester metiliku, l-ester etiliku jew il-melħ ta' dan l-aċidu karbossiliku. Iż-żebgħa li tirriżulta tiġi ppurifikata u iżolata bħala l-melħ tas-sodju. It-tartrażina tikkonsisti essenzjalment fi trisodju 5-idrossi-1-(4-sulfonatofenil)-4-(4-sulfonatofenilażo)-H-pirażol-3-karbossilat u sustanzi koloranti sussidjarji flimkien mal-klorur tas-sodju u/jew is-sulfat tas-sodju bħala l-komponenti prinċipali mingħajr kulur. It-tartrażina hija deskritta bħal l-melħ tas-sodju. Il-melħ tal-kalċju u tal-potassju huma wkoll permessi.
Indiċi Kromatiku	19140
EINECS	217-699-5
Isem kimiku	Trisodju-5-idrossi-1-(4-sulfonatofenil)-4-(4-sulfonatofenilażo)-H-pirażol-3-karbossilat
Formola kimika	$C_{16}H_9N_4Na_3O_9S_2$
Piż molekolari	534,37
Test	Kontenut ta′ mhux anqas minn 85 % tas-sustanzi kollha koloranti kkalkulati bħala l-melħ tas-sodju $E^{1\%}_{1cm}$ 530 f'ca 426 nm f'soluzzjoni ta′ ilma
Deskrizzjoni	Trab jew ramel oranġjo ċar
Dehra tas-soluzzjoni tal-ilma	Safra
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fl-ilma f'ca 426 nm
Purità	
Materja li ma tinħallx fl-ilma	Mhux iktar minn 0,2 %
Sustanzi koloranti sussidjarji	Mhux iktar minn 1,0 %
Komposti organiċi barra s-sustanzi koloranti:	
aċidu 4-idrażinobenżen sulfoniku aċidu 4-amminobenżen-1-sulfoniku aċidu 5-osso-1-(4-sulfofenil)-2-pirażolina-3-karbossiliku 4-4′-diażoamminodi (aċidu benżen sulfoniku) Aċidu tetraidrossisuċċiniku	Total ta′ mhux aktar minn 0,5 %

▼B

Ammini aromatiċi primarji mhux sulfonati	Mhux iktar minn 0,01 % (ikkalkulati bħala anilina)
Sustanza li tista′ tiġi estratta bl-etere	Mhux aktar minn 0,2 % f'kundizzjonijiet newtrali
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

Il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur jistgħu jintużaw.

E 104 ISFAR TAL-KINOLIN

Sinonimi	CI Food Yellow 13
Definizzjoni	L-Isfar tal-Kinolin jitħejja billi jiġi sulfonat 2-(2-kinolil) indan-1,3-dion jew taħlita li jkun fiha madwar żewġ terzi 2-(2-kinolil)indan-1,3-dion u terz 2-(2-(6-metilkinolil))indan-1,3-dion. L-Isfar tal-Kinolin jikkonsisti essenzjalment f'melħ tas-sodju ta′ taħlita ta′ disulfonati (prinċipalment), monosulfonati u trisulfonati tal-kompost ta′ hawn fuq u ta′ sustanzi koloranti sussidjarji flimkien mal-klorur tas-sodju u/jew sulfat tas-sodju bħala l-komponenti prinċipali mingħajr kulur. L-Isfar tal-Kinolin huwa deskritt bħala melħ tas-sodju. Il-melħ tal-kalċju u tal-potassju huma wkoll permessi.
Indiċi Kromatiku	47005
EINECS	305-897-5
Isem kimiku	Melħ disodiku tad-disulfonati ta′ 2-(2-kinolil) indan-1,3-dion (komponent prinċipali)
Formola kimika	$C_{18}H_9N\ Na_2O_8S_2$ (komponent prinċipali)
Piż molekolari	477,38 (komponent prinċipali)
Test	Kontenut ta′ mhux anqas minn 70 % tas-sustanzi kollha koloranti kkalkulati bħala melħ tas-sodju L-Isfar tal-Kinolin għandu jkollu l-kompożizzjoni li ġejja: Mis-sustanzi kollha koloranti preżenti: — mhux inqas minn 80 % għandhom ikunu disulfonati disodiċi ta' 2-(2-kinolil) indan-1,3-dion — mhux aktar minn 15 % għandhom ikunu disulfonati monosodiċi ta' 2-(2-kinolil) indan-1,3-dion — mhux aktar minn 7,0 % għandhom ikunu trisulfonati trisodiċi ta' 2-(2-kinolil) indan-1,3-dion $E^{1\%}_{1cm}$ 865 (komponent prinċipali) f'ca 411 nm f'soluzzjoni bl-ilma ta′ aċidu aċetiku
Deskrizzjoni	Trab jew ramel isfar
Dehra tas-soluzzjoni tal-ilma	Safra
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu f'soluzzjoni bl-ilma ta′ aċidu aċetiku ta′ pH 5 f'ca 411 nm

▼B

Purità	
Materja li ma tinħallx fl-ilma	Mhux iktar minn 0,2 %
Sustanzi koloranti sussidjarji	Mhux iktar minn 4,0 %
Komposti organiċi barra s-sustanzi koloranti:	
2-metilkinolin	Total ta′ mhux aktar minn 0,5 %
Aċidu 2-metilkinolin sulfoniku	
Aċidu ftaliku	
2,6-dimetil kinolin	
Aċidu 2,6-dimetil kinolin sulfoniku	
2-(2-kinolil)indan-1,3-dion	Mhux iktar minn 4 mg/kg
Ammini aromatiċi primarji mhux sulfonati	Mhux iktar minn 0,01 % (ikkalkulati bħala anilina)
Sustanza li tista′ tiġi estratta bl-etere	Mhux aktar minn 0,2 % f'kundizzjonijiet newtrali
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

Il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur jistgħu jintużaw.

E 110 SUNSET YELLOW FCF

Sinonimi	CI Food Yellow 3; Orange Yellow S
Definizzjoni	Sunset Yellow FCF jikkonsisti essenzjalment minn disodju 2-idrossi-1-(4-sulfonatofenilażo) naftalen-6-sulfonat u materjal koloranti sussidjarji flimkien ma' klorur tas-sodju u/jew sulfat tas-sodju bħala l-komponenti prinċipali mhux bla kulur. Sunset Yellow FCF jiġi mmanifatturat bid-diażotizzar tal-aċidu 4-amminobenżensulfoniku permezz tal-aċidu idrokloriku u n-nitrit tas-sodju jew l-aċidu sulfuriku u n-nitrit tas-sodju. Il-kompost diażo jingħaqad mal-aċidu 6-idrossi-2-naftalen-sulfoniku. Iż-żebgħa tiġi iżolata bħala l-melħ tas-sodju u mnixxfa. Is-Sunset Yellow FCF jiġi deskritt bħala l-melħ tas-sodju. Il-melħ tal-kalċju u tal-potassju huma wkoll permessi.
Indiċi Kromatiku	15985
EINECS	220-491-7
Isem kimiku	Disodju 2-idrossi-1-(4-sulfonatofenilażo)naftalen-6-sulfonat
Formola kimika	$C_{16}H_{10}N_2Na_2O_7S_2$
Piż molekolari	452,37
Test	Kontenut ta′ mhux anqas minn 85 % tas-sustanzi kollha koloranti kkalkulati bħala melħ tas-sodju $E^{1\%}_{1cm}$ 555 f'ca 485 nm f'soluzzjoni tal-ilma bi pH 7

▼B

Deskrizzjoni	Trab jew ramel lewn oranġju ħamrani
Dehra tas-soluzzjoni tal-ilma	Oranġjo
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fl-ilma f'ca 485 nm f'pH 7
Purità	
Materja li ma tinħallx fl-ilma	Mhux iktar minn 0,2 %
Sustanzi koloranti sussidjarji	Mhux iktar minn 5,0 %
1-(Fenilażo)-2-naftalenol (Sudan I)	Mhux iktar minn 0,5 mg/kg
Komposti organiċi barra s-sustanzi koloranti:	
aċidu 4-amminobenżen-1-sulfoniku	Total ta′ mhux aktar minn 0,5 %
aċidu 3-idrossinaftalen-2,7-disulfoniku	
aċidu 6-idrossinaftalen-2-sulfoniku	
7-idrossinaftalen-1,3 disulfoniku	
4-4′-diażoamminodi (aċidu benżen sulfoniku)	
6,6'-ossidi(aċidu naftalen-2-sulfoniku)	
Ammini aromatiċi primarji mhux sulfonati	Mhux iktar minn 0,01 % (ikkalkulati bħala anilina)
Sustanza li tista′ tiġi estratta bl-etere	Mhux aktar minn 0,2 % f'kundizzjonijiet newtrali
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

Il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur jistgħu jintużaw.

E 120 KUĊĊINILJA, AĊIDU KARMINIKU, KARMINJI

Sinonimi	CI Natural Red 4
Definizzjoni	Il-karminji u l-aċidu karminiku huma miksuba minn estratti bl-ilma, bl-ilma u l-alkoħol jew bl-alkoħol mill-Kuċċinilja, li tikkonsisti f'iġsma mnixxfa tal-insett tas-sess femminili *Dactylopius coccus* Costa. Il-prinċipju koloranti huwa l-aċidu karminiku. Jistgħu jiġu ffurmati koloranti tal-aluminju ta′ aċidu karminiku (karminji) fejn l-aluminju u l-aċidu karminiku huma maħsuba li jkunu preżenti fil-proporzjon molari 1:2. Fil-prodotti kummerċjali, il-prinċipju koloranti huwa preżenti flimkien mal-katjoni tal-ammonju, il-kalċju, il-potassju jew is-sodju, weħidhom jew f'taħlita, u dawn il-katjoni jistgħu anki jkunu preżenti f'eċċess. Il-prodott kummerċjali jista′ wkoll ikun fih materjal tal-proteini mnissel mill-insett tas-sors, u jista′ wkoll ikun fih karminat liberu jew residwu żgħir ta′ katjoni tal-aluminju mhux marbuta.

▼B

Indiċi Kromatiku	75470
EINECS	Kuċċinilja, 215-680-6; aċidu karminiku: 215-023-3; karmini: 215-724-4
Isem kimiku	Aċidu 7-β-D-glukopiranosil-3,5,6,8-tetraidrossi-1-metil-9,10-dioss-oantraċen-2-karbossiliku (aċidu karminiku); il-karminju huwa l-kelat tal-aluminju idratat ta′ dan l-aċidu.
Formola kimika	$C_{22}H_{20}O_{13}$ (aċidu karminiku)
Piż molekolari	492,39 (aċidu karminiku)
Test	Kontenut mhux inqas minn 2,0 % ta' aċidu karminiku fl-estratti li fihom l-aċidu karminiku; mhux inqas minn 50 % ta' aċidu karminiku fil-kelati.
Deskrizzjoni	Aħmar għal aħmar skur, jitfarrak malajr, solidu jew trab. Estratt tal-kuċċinilja ġeneralment ikun likwidu aħmar skur imma jista′ wkoll ikun imnixxef bħala trab.
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu f'soluzzjoni ta′ ilma tal-ammonja f'ca 518 nm Massimu f'soluzzjoni idroklorika mħallta f'ca 494 nm għall-aċidu karminiku $E^{1\%}_{1cm}$ 139 fil-massimu madwar 494 nm fl-aċidu idrokloriku dilwit għall-aċidu karminiku
Purità	
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 5 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

Il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur jistgħu jintużaw.

E 122 AŻORUBINA, KARMOISINA

Sinonimi	CI Food Red 3
Definizzjoni	L-ażorubina jikkonsisti essenzjalment fid-disodju 4-idrossi-3-(4-sulfonato-1-naftilażo) naftalen-1-sulfonat u fis-sustanzi koloranti sussidjarji flimkien mal-klorur tas-sodju u/jew sulfat tas-sodju bħala l-komponenti prinċipali mingħajr kulur. L-ażorubina huwa deskritt bħala melħ tas-sodju. Il-melħ tal-kalċju u tal-potassju huma wkoll permessi.
Indiċi Kromatiku	14720
EINECS	222-657-4
Isem kimiku	Disodju 4-idrossi-3-(4-sulfonat-1-naftilażo) naftalen-1-sulfonat
Formola kimika	$C_{20}H_{12}N_2Na_2O_7S_2$
Piż molekolari	502,44
Test	Kontenut mhux inqas minn 85 % tas-sustanzi kollha koloranti, ikkalkulati bħala l-melħ tas-sodju $E^{1\%}_{1cm}$ 510 f'ca 516 nm f'soluzzjoni tal-ilma

▼B

Deskrizzjoni	Trab jew ramel aħmar għal marun
Dehra tas-soluzzjoni fl-ilma	Aħmar
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fl-ilma f'ca 516 nm
Purità	
Materja li ma tinħallx fl-ilma	Mhux iktar minn 0,2 %
Sustanzi koloranti sussidjarji	Mhux iktar minn 1 %
Komposti organiċi barra s-sustanzi koloranti:	
aċidu 4-amminonaftalen-1-sulfoniku aċidu 4-idrossinaftalen-1-sulfoniku′	Total ta′ mhux aktar minn 0,5 %
Ammini aromatiċi primarji mhux sulfonati	Mhux iktar minn 0,01 % (ikkalkulati bħala anilina)
Sustanza li tista′ tiġi estratta bl-etere	Mhux aktar minn 0,2 % f'kundizzjonijiet newtrali
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

Il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur jistgħu jintużaw.

E 123 AMARANT

Sinonimi	CI Food Red 9
Definizzjoni	L-amarant jikkonsisti essenzjalment fi trisodju 2-idrossi-1-(4-sulfonato-1-naftilażo) naftalen-3,6-disulfonat u s-sustanzi sussidjarji koloranti flimkien mal-klorur tas-sodju u/jew sulfat tas-sodju bħala l-komponenti prinċipali mingħajr kulur. L-amarant jiġi manifatturat billi jingħaqad l-aċidu 4-ammino-1-naftalen sulfoniku mal-aċidu 3-idrossi-2,7-naftalen disulfoniku. L-Amarant huwa deskritt bħala melħ tas-sodju. Il-melħ tal-kalċju u tal-potassju huma wkoll permessi.
Indiċi Kromatiku	16185
EINECS	213-022-2
Isem kimiku	Trisodju 2-idrossi-1-(4-sulfonato-1-naftilażo) naftalen-3,6-disulfonat
Formola kimika	$C_{20}H_{11}N_2Na_3O_{10}S_3$
Piż molekolari	604,48
Test	Kontenut mhux inqas minn 85 % tas-sustanzi kollha koloranti, ikkalkulati bħala l-melħ tas-sodju $E^{1\%}_{1cm}$ 440 f'ca 520 nm f'soluzzjoni tal-ilma

▼B

Deskrizzjoni	Trab jew ramel ħamrani-kannella
Dehra tas-soluzzjoni fl-ilma	Aħmar
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fl-ilma f'ca 520 nm
Purità	
Materja li ma tinħallx fl-ilma	Mhux iktar minn 0,2 %
Sustanzi koloranti sussidjarji	Mhux iktar minn 3,0 %
Komposti organiċi barra s-sustanzi koloranti:	
aċidu 4-amminonaftalen-1-sulfoniku	Total ta′ mhux aktar minn 0,5 %
aċidu 3-idrossinaftalen-2,7-disulfoniku	
aċidu 6-idrossinaftalen-2-sulfoniku	
aċidu 7-idrossinaftalen-1,3-disulfoniku	
aċidu 7-idrossinaftalen-1,3-6-trisulfoniku	
Ammini aromatiċi primarji mhux sulfonati	Mhux iktar minn 0,01 % (ikkalkulati bħala anilina)
Sustanza li tista′ tiġi estratta bl-etere	Mhux aktar minn 0,2 % f'kundizzjonijiet newtrali
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

Il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur jistgħu jintużaw.

E 124 PONCEAU 4R, AHMAR TAL-KUĊĊINILJA A

Sinonimi	CI Food Red 7; New Coccine
Definizzjoni	Il-Ponceau 4R jikkonsisti essenzjalment fi trisodju 2-idrossi-1-(4-sulfonato-1-naftilażo) naftalen-6,8-disulfonat u s-sustanzi sussidjarji koloranti flimkien mal-klorur tas-sodju u/jew sulfat tas-sodju bħala l-komponenti prinċipali mingħajr kulur. Il-Ponceau 4R jiġi manifatturat billi jingħaqad l-aċidu naftjoniku diażotizzat mal-aċidu G (aċidu 2-naftol-6,8- disulfoniku) u l-konverżjoni tal-prodott mal-melħ trisodju. Il-Ponceau 4R huwa deskritt bħala melħ tas-sodju. Il-melħ tal-kalċju u tal-potassju huma wkoll permessi.
Indiċi Kromatiku	16255
EINECS	220-036-2
Isem kimiku	Trisodju 2-idrossi-1-(4-sulfonato-1-naftilażo) naftalen-6,8-disulfonat
Formola kimika	$C_{20}H_{11}N_2Na_3O_{10}S_3$
Piż molekolari	604,48

▼B

Test	Kontenut mhux inqas minn 80 % tas-sustanzi kollha koloranti, ikkalkulati bħala l-melħ tas-sodju $E^{1\%}_{1cm}$ 430 f'ca 505 nm f'soluzzjoni tal-ilma
Deskrizzjoni	Trab jew ramel ħamrani
Dehra tas-soluzzjoni fl-ilma	Aħmar
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fl-ilma f'ca 505 nm
Purità	
Materja li ma tinħallx fl-ilma	Mhux iktar minn 0,2 %
Sustanzi koloranti sussidjarji	Mhux iktar minn 1,0 %
Komposti organiċi barra s-sustanzi koloranti:	
aċidu 4-amminonaftalen-1-sulfoniku aċidu 7-idrossinaftalen-1,3-disulfoniku aċidu 3-idrossinaftalen-2,7-disulfoniku aċidu 6-idrossinaftalen-2-sulfoniku aċidu 7-idrossinaftalen-1,3-6-trisulfoniku	Total ta′ mhux aktar minn 0,5 %
Ammini aromatiċi primarji mhux sulfonati	Mhux iktar minn 0,01 % (ikkalkulati bħala anilina)
Sustanza li tista′ tiġi estratta bl-etere	Mhux aktar minn 0,2 % f'kundizzjonijiet newtrali
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

Il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur jistgħu jintużaw.

E 127 ERITROSINA

Sinonimi	CI Food Red 14
Definizzjoni	L-eritrosina tikkonsisti essenzjalment f'disodju 2-(2,4,5,7-tetrajodo-3-ossido-6-ossoksanten-9-il) benżoat monoidrat u s-sustanzi sussidjarji koloranti flimkien mal-ilma, il-klorur tas-sodju u/jew is-sulfat tas-sodju bħala l-komponenti prinċipali mingħajr kulur. L-eritrosina tiġi mmanifatturata bil-jodinazzjoni tal-fluworoxxina, il-prodott tal-kondensazzjoni tar-reżorċinol u l-ftaliku anidrid. L-eritrosina hija deskritta bħala melħ tas-sodju. Il-melħ tal-kalċju u tal-potassju huma wkoll permessi.
Indiċi Kromatiku	45430
EINECS	240-474-8
Isem kimiku	Disodju 2-(2,4,5,7-tetrajodo-3-ossido-6-osoksanten-9-il)benżoat monoidrat
Formola kimika	$C_{20}H_6I_4Na_2O_5\ H_2O$

▼B

Piż molekolari	897,88
Test	Kontenut mhux inqas minn 87 % tas-sustanzi kollha koloranti, ikkalkulati bħala l-melħ tas-sodju anidru $E^{1\%}_{1cm}$ 1 100 f'ca 526 nm f'soluzzjoni ta′ ilma f'pH 7
Deskrizzjoni	Trab jew ramel aħmar
Dehra tas-soluzzjoni fl-ilma	Aħmar
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fl-ilma f'ca 526 nm f'pH 7
Purità	
Joduri inorganiċi	Mhux aktar minn 0,1 % (ikkalkulat bħala jodur tas-sodju)
Materja li ma tinħallx fl-ilma	Mhux iktar minn 0,2 %
Sustanzi sussidjarji koloranti (barra l-fluworoxxina)	Mhux iktar minn 4,0 %
Fluworoxxina	Mhux iktar minn 20 mg/kg
Komposti organiċi barra s-sustanzi koloranti:	
Tri-jodoresorċinol	Mhux iktar minn 0,2 %
Aċidu 2-(2,4-diidrossi-3,5-dijodobenżojl) benżoiku	Mhux iktar minn 0,2 %
Sustanza li tista′ tiġi estratta bl-etere	Minn soluzzjoni ta′ pH minn 7 sa 8, mhux aktar minn 0,2 %
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

Il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur jistgħu jintużaw.

E 129 AHMAR ALLURA AC

Sinonimi	CI Food Red 17
Definizzjoni	L-Aħmar Allura AC jikkonsisti essenzjalment f'disodju 2-idrossi-1-(2-metossi-5-metil-4-sulfonato-fenilażo) naftalen-6-sulfonat u s-sustanzi sussidjarji koloranti flimkien mal-klorur tas-sodju u/jew is-sulfat tas-sodju bħala l-komponenti prinċipali bla kulur. L-Aħmar Allura AC jiġi mmanifattura billi jingħaqad l-aċidu 5-ammino-4-metossi-2-toluwensulfoniku mal-aċidu 6-idrossi-2-naftalen sulfoniku. L-aħmar Allura AC huwa deskritt bħala melħ tas-sodju. Il-melħ tal-kalċju u tal-potassju huma wkoll permessi.
Indiċi Kromatiku	16035
EINECS	247-368-0
Isem kimiku	Disodju 2-idrossi-1-(2-metossi-5-metil-4-sulfonatofenilażo) lażo) naftalen-6-sulfonat
Formola kimika	$C_{18}H_{14}N_2Na_2O_8S_2$
Piż molekolari	496,42

▼B

Test	Kontenut mhux inqas minn 85 % tas-sustanzi kollha koloranti, ikkalkulati bħala l-melħ tas-sodju $E^{1\%}_{1cm}$ 540 f'ca 504 nm f'soluzzjoni ta′ ilma f'pH 7
Deskrizzjoni	Trab jew ramel aħmar skur
Dehra tas-soluzzjoni fl-ilma	Aħmar
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fl-ilma f'ca 504 nm
Purità	
Materja li ma tinħallx fl-ilma	Mhux iktar minn 0,2 %
Sustanzi koloranti sussidjarji	Mhux iktar minn 3,0 %
Komposti organiċi barra s-sustanzi koloranti:	
Aċidu 6-idrossi-2-naftalen sulfoniku, melħ tas-sodju	Mhux iktar minn 0,3 %
Aċidu 4-ammino-5-metossi-2-metil-benżen sulfoniku	Mhux iktar minn 0,2 %
6,6-ossibis (aċidu 2-naftalen sulfoniku) melħ disodiku	Mhux iktar minn 1,0 %
Ammini aromatiċi primarji mhux sulfonati	Mhux iktar minn 0,01 % (ikkalkulati bħala anilina)
Sustanza li tista′ tiġi estratta bl-etere	Minn soluzzjoni ta′ pH 7, mhux aktar minn 0,2 %
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

Il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur jistgħu jintużaw.

E 131 PATENT BLUE V

Sinonimi	CI Food Blue 5
Definizzjoni	Il-Patent Blue V jikkonsisti essenzjalment fil-melħ intern tal-kompost tal-kalċju jew tas-sodju ta′ [4-(α-(4-dietilamminofenil)-5-idrossi-2,4-disulfofenil-metiliden) 2,5-ċikloessadien-1-iliden] dietilammonju idrossidu u s-sustanzi sussidjarji koloranti flimkien mal-klorur tas-sodju u/jew is-sulfat tas-sodju u/jew is-sulfat tal-kalċju bħala l-komponenti prinċipali mingħajr kulur. Il-melħ tal-potassu huwa permess ukoll.
Indiċi Kromatiku	42051
EINECS	222-573-8
Isem kimiku	Il-melħ intern tal-kompost tal-kalċju jew tas-sodju ta' [4-(α-(4-dietilamminofenil)-5-idrossi-2,4-disulfofenil-metiliden)2,5-ċikloessadien-1-iliden] dietilammonju idroside

▼B

Formola kimika	Kompost tal-kalċju: $C_{27}H_{31}N_2O_7S_2Ca_{1/2}$ Kompost tas-sodju: $C_{27}H_{31}N_2O_7S_2Na$
Piż molekolari	Kompost tal-kalċju: 579,72 Kompost tas-sodju: 582,67
Test	Kontenut mhux inqas minn 85 % tas-sustanzi kollha koloranti, ikkalkulati bħala l-melħ tas-sodju $E^{1\%}_{1cm}$ 2 000 f'ca 638 nm f'soluzzjoni ta′ ilma f'pH 5
Deskrizzjoni	Trab jew ramel blu skur
Dehra tas-soluzzjoni tal-ilma	Kaħla
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fl-ilma f'ca 638 nm f'pH 5
Purità	
Materja li ma tinħallx fl-ilma	Mhux iktar minn 0,2 %
Sustanzi koloranti sussidjarji	Mhux iktar minn 2,0 %
Komposti organiċi barra s-sustanzi koloranti:	
3-idrossi benżaldeide Aċidu 3-idrossi benżoiku Aċidu 3-idrossi-4-sulfobenżoiku Aċidu N,N-dietilammino benżen sulfoniku	Total ta′ mhux aktar minn 0,5 %
Bażi lewko	Mhux iktar minn 4,0 %
Ammini aromatiċi primarji mhux sulfonati	Mhux iktar minn 0,01 % (ikkalkulati bħala anilina)
Sustanza li tista′ tiġi estratta bl-etere	Minn soluzzjoni ta′ pH 5, mhux aktar minn 0,2 %
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

Il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur jistgħu jintużaw.

E 132 INDIGOTINA, KARMINJU INDIGO

Sinonimi	CI Food Blue 1
Definizzjoni	L-indigotina tikkonsisti essenzjalment f'taħlita ta′ disodju 3,3′diosso-2,2′-bi-indoliliden-5,5′-disulfonat, u disodju 3,3′-diosso-2,2′-bi-indoliliden-5,7′-disulfonat u s-sustanzi sussidjarji koloranti flimkien malklorur tas-sodju u/jew is-sulfat tas-sodju bħala l-komponenti prinċipali mingħajr kulur. L-indigotina huwa deskritt bħala melħ tas-sodju. Il-melħ tal-kalċju u tal-potassju huma wkoll permessi. Il-karminju indigo jinkiseb bis-sulfonazzjoni tal-indigo. Dan isir bittisħin tal-indigo (jew il-pejst tal-indigo) fil-preżenza tal-aċidu sulfuriku. Iż-żebgħa tiġi iżolata u soġġetta għal proċeduri ta' purifikazzjoni.

▼B

Indiċi Kromatiku	73015
EINECS	212-728-8
Isem kimiku	Disodju 3,3′-diosso-2,2′-bi-indoliliden-5,5′-disulfonat
Formola kimika	$C_{16}H_8N_2Na_2O_8S_2$
Piż molekolari	466,36
